MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-26 ta' Ottubru, 2011

Avviz Numru. 81/2010

**Eurotech Consulting Limited (C22654)**

**Vs**

**Martin Watersystems Gmbh u b'digriet tas-7 ta' Settembru, 2010 l-isem tas-socjeta' konvenuta gie mibdul f'VODA MEM GmBH'.**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors in esami li bih is-socjeta' attrici talbet sabiex dik konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mhux izjed minn disa t'elef u hames mitt euro (€9,500) rapprezentanti servizzi u xogholijiet li saru mir-rikorrenti fuq talba tas-socjeta' Envides GmbH liema socjeta bidlet isimha ghal Phileco International GmbH u llum iggib l-istess ta' Martin Watersystems GmbH.

Bl-ispejjez u bl-imghax, u spejjez ohra legali inkorsi mis-socjeta' attrici, kontra s-socjeta' konvenuta ingunta ghas-subizzjoni.

Rat id-digriet moghti fis-16 ta' Marzu 2010 a fol 3 u fol 4 tal-atti.

Rat in-nota tar-Registratur tal-Qrati u Tribunali Civili a fol 9 u fol 10 ibid.

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' Gunju 2010 (fol 18 ibid) u d-dokument a fol 20 ibid minn fejn jirrisulta li s-socjeta' konvenuta ma gietx notifikata bir-rikors promotur.

Rat id-digriet a fol 21 u fol 22 u fol 26 ibid dwar il-bdil fl-siem tas-socjeta' konvenuta kif ukoll id-dokument anness u markat <u>Dok A</u> a fol 22 et seq ibid.

Rat id-digriet ulterjuri moghti fl-ewwel (1) ta' Novembru 2010 (fol 28 u fol 29 ibid) dwar in-notifika tas-socjeta konvenuta permezz tar-Regolament numru 1393/2007/KE.

Rar ir-riferta tal-Ufficjal Mario Mizzi a fol 30 'a tergo' tal-istess atti minn fejn jidher li s-socjeta konvenuta '<u>refuse(d)</u>' in-notifika tal-avviz.

Rat ir-rikors a fol 35 ibid, il-verbal a fol 36 ibid kif ukoll l-artikolu 14 u fol 45 ibid.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi kif jidher minn dak kollu hemm fuq citat, kien hemm diffikulta sabiex is-socjeta' konvenuta tigi notifikata bl-istess rikors promotur. Difatti a bazi tal-<u>artikolu 14</u> hemm fuq imsemmi meta sar tentattiv sabiex is-socjeta' konvenuta tigi notifikata permezz ta' ittra registrata, jidher li din in-notifika giet '<u>refuse(d)</u>'. Din il-Qorti kif jdiher mill-verbal tas-seduta tallum stess, applikat l-artikolu 187(1) tieni proviso u ddikjarat b'digriet li <u>n-notifika saret fil-jum u fil-hin tar-rifjut</u>,

Ikkunsidrat

Illi waqt is-seduta tallum stess, is-socjeta' konvenuta, notifikata kif hawn fuq gie premess, ma dehritx sabiex tikkontesta t-talbiet attrici u lanqas ma ppresenat xi forma ta' rispsota ghall-istess skop.

Illi da parti tas-socjeta' attrici gie prodott u xehed DIETMAR MANSFELD li kkonferma li l-ammont specifikat fl-istess xhieda ghadu dovut sallum ghas-servizzi rezi lis-socjeta' konvenuta kif deskritti fl-istess xhieda.

Illi ghalhekk, it-talba attrici ghandha tigi akkolta.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lil dik attrici s-somma ta' €9,500 bl-imghax legali mill-11 ta' Marzu 2010 sad-data tal-pagament effettiv kif ukoll l-ispejjes kollha ta' din il-procedura.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------